4 ta' Frar, 1956.

## Imħallef:

## Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

*Giuseppe Vassallo versus Irene Zammit*

## Appell — Valur — Art. 226 tal-Kap. 15.

*Mis-sentenzi tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ma jingħatax appell meta l-valur tal-pretensjoni ma jkunx aktar minn £5 u l-kwistjoni fil-kawża ma tkunx dwar punt ta' liġi maqtugħ bis-sentenza li minnha jrid isir appell. B'mod li jekk il-valur tal-pretensjoni jkun mhux aktar minn £5 u fis-sentenza ma jkunx hemm ħlief sempliċi indaġini ta' fatt, dik is-sentenza mhix appellabbli.*

*Għall-finijiet tal-appellabbilità, kwantu għall-valur, wieħed għandu jħares lejn il-"pretensjoni" oriġinarja kif dedotta fl-avviż; u kwantu għall-punt ta' dritt, stante l-kliem tal-liġi "u maqtugħ bis-sentenza", wieħed għandu jħares lejn it-termini u s-sustanza tal-istess sentenza.*

Il-Qorti; — Rat it-talba tal-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta għall-kundanna tal-konvenuta li tħallas lill-attur is-somma ta' nofs lira (10s.) għal sena kera skadata b'lura fil-15 ta' Awissu 1955, tal-kamra fil-għalqa fit-triq li miż-Żurrieq tagħti għall-Imqabba; bl-ispejjeż;

Rat l-eċċezzjoni tal-konvenuta, illi hija kienet tħallas il-kera lil Emmanuele Busuttil;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti, li biha laqgħet it-talba, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi l-kuntrast bejn il-partijiet qiegħed fil-pont jekk l-għorfa in kwistjoni tifformax parti mill-porzjoni mqabbla lill-attur jew mill-porzjon mqabbla lill-konvenuta minn Margherita Zammit;

Illi mill-provi jirriżulta illi l-għalqa kollha hija formata minn tliet porzjonijiet distinti, waħda hija ta' Marianna Valletta, l-oħra kienet tappartjeni lil Michel'Angelo Busuttil, u l-oħra kienet tappartjeni lil missier Emmanuele Busuttil, u li kienet tgawdiha bintu Margherita u oħtha Pia, u li l-lum inqasmet u l-istess Emmanuele Busuttil messu biċċa wkoll. Kull wieħed minn dawn it-tliet appezzamenti għandu annessa miegħu kamra mit-tliet kmamar li hemm. L-appezzament ta' Emmanuele Busuttil għandu kamra soprana, ossija l-għorfa in kwistjoni;

Illi, qabel ma Emmanuele Busuttil wiret l-appezzament ta' Michel'Angelo Busuttil, dana kien qabbel dan l-appezzament lill-attur. Inoltre, l-attur għandu bi qbiela wkoll l-appezzament ta' Marianna Valletta, u kwindi mal-parti mqabbla lilu għandu żewġt ikmamar (jew aħjar kamra u għorfa) taż-żewġ appezzamenti mqabbla lilu. Il-kamra rimanenti tappartjeni lill-porzjoni mqabbla lill-konvenuta;

Illi ma hemmx kuntrast illi l-konvenuta qegħedha attwalment tokkupa, oltre l-kamra annessa mal-appezzament imqabbel għandha, anki l-għorfa annessa mal-appezzament ta' Busuttil; din l-għorfa, għalhekk, ma setgħetx ġiet f'idejn il-konvenuta ħlief bil-mod li xehed l-attur, billi ċjoè kien qabbilielha;

Illi l-konvenuta eżibiet kopja ta' sentenza fejn jingħad illi l-kamra li tagħha l-attur talabha l-kera kienet kompriża fil-lokazzjoni tal-appezzament ta' Margherita Zammit. Però l-kamra hemm riferita ma tistax tkun l-istess għorfa li fuqha hemm il-kawża odjerna. U tabilħaqq, il-konvenuta tammetti li għandha tħallas 10s. ta' din l-għorfa, però tippretendi li għandha tħallas lil Busuttil, billi fi-imgħoddi dana, mingħajr dritt, irċieva xi pagament; iżda una volta li l-għorfa hija mqabbla mal-appezzament raba' tal-attur, huwa dana, u mhux Busuttil, li għandu jirċievi l-kera. Għalhekk

id-depożitu magħmul favur Busuttil ma jilliberax lill-konvenuta;

Rat iċ-ċitazzjoni quddiem din il-Qorti, li biha l-konvenuta talbet li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u t-talba miċuda; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar il-preġudizzjali tal-inappellabbilità;

Fin-nota tagħha ta' riljevi l-konvenuta appellanti donnha tilmenta li hija ma tafx x'inhuma l-argumenti tal- kontroparti in sostenju tal-preġudizzjali minn dik il-parti sollevata. Din l-eċċezzjoni ma teħtieġ argument elaborati, u fin-nota tal-eċċezzjonijiet stess, fol. 22, hemm "quanto basta", meta jingħad fiha li s-sentenza ma hijiex appellabbli għax il meritu hu anqas minn £5 u għax ma hemm ebda pont ta' dritt deċiż fis-sentenza. Dan apparti li hemm il-lokuzzjoni ċara tal-liġi proċedurali, li fl-art 226 tgħid "(1) ......(2) Hekk ukoll ma hemmx appell mis-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta ...... meta l-valur tal-pretensjoni ...... ma jkunx jiskorri ħames liri, u l-kwistjoni fil-kawża ma tkunx dwar pont ta' liġi maqtugħ fis-sentenza";

Fil-fatt, fil-każ preżenti l-valur tal-pretensjoni, kif dedott fl-istess istanza, hu dak ta' 10s. Fis-sentenza ma ġie deċiż ebda pont ta' dritt, u jirriżulta bla dubju, "ex visceribus" tal-istess deċiżjoni, li ma hemmx ħlief sempliċi indaġini ta' fatt;

Il-kwistjonijiet imsemmija fin-nota ta' riljevi tal-appellanti bħala relattivi għall-appell tagħha, anki jekk huma kwistjonijiet legali, ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-pont tal-inappellabbilità; għaliex, kif ġie deċiż kemm il-darba minn din il-Qorti, għall-finijiet tal-appellabbilità, kwantu għall-valur, wieħed għandu jħares lejn "il-pretensjoni" oriġinarja kif dedotta fl-avviż; u kwantu għall-pont ta' dritt, stante l-kliem tal-liġi "maqtugħ fis-sentenza", wieħed għandu jħares lejn it-termini u s-sustanza tal-istess sentenza;

Għalhekk, l-eċċezzjoni tal-inappellabbilità hi sostnuta;

L-appell hu, konsegwentement, dikjarat irritu u null; bl-ispejjeż kontra l-konvenuta appellanti.